2025/2484 10.12.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2484

## tal-10 ta' Lulju 2023

## dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim") ġie ffirmat fit-12 ta' Diċembru 2006 u daħal fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2018. Il-Ftehim ġie emendat sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija [2].

(2) It-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea [3] ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

(3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni.

(4) In-negozjati dwar il-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja (il-"Protokoll"), ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ġie inizjalat fit-23 ta' Diċembru 2022.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u jiġi applikat fuq bażi proviżorja f'konformità mal-Artikolu 4(2) tiegħu, sakemm jintemmu l-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja [4] (il-"Protokoll") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

---

(1) ĠU L 386, 29.12.2006, p. 57.
(2) Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ĠU L 200, 27.7.2012, p. 25).
(3) ĠU L 112, 24.4.2012, p. 10.
(4) It-test tal-Protokoll huwa ppublikat fil-ĠU L, 2025/2485, 10.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2025/2485/oj.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja b'effett mid-data tal-iffirmar mill-partijiet, f'konformit mal-Artikolu 4(2) tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. NAVARRO RÍOS